**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

**SEDUTA NUMRU 17**

IT-TLIETA 17 TA' NOVEMBRU 2009 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 16 ittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku ipproponiet li dawn jiġu approvati wara li ġew emendati. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M.Pisani.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i Is-Sindku qrat ir-rapport li ħejja l-Inġinier R. Curmi dwar l-instalazzjoni tal-*photovoltaic system.* Hija nfurmat ukoll li mill-laqgħa li kellha miegħu irriżulta li ma kienx vijabbli li dawn jiġu nstallati fuq Blk F1. Hija nfurmat ukoll li skond l-Inġinier il-Blk D5 kien l-iktar wieħed tajjeb u anke l-ispiża kienet tkun ferm inqas. Madanakollu mill-*feedback* li kellha mir-residenti dwar din l-iskema dawn ma qablux li din issir fil-flat tagħhom. Il-Kunsill ġie nfurmat li invista ta' dan din il-materja ġiet diskussa mar-residenti tal-Blk E1 u dawn qablu li l-photovoltaic panels jiġu nstallati fuq it-turretta tal-blokk tagħhom. Is-Sindku qalet li r-residenti ġew assugurati li l-Kunsill se jagħmel kuntratt permezz ta' l-avukat biex, kemm id-drittijiet kif ukoll jinqalgħu xi ħsarat, id-drittijiet tas-sidien ikunu mħarsa. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir sejħa għall-offerti għal din is-sistema.

ii Is-Sindku nfurmat li x-xogħlijiet fuq il-bankini bdew. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Dipartiment ta' l-Infrastruttura talab li nikkonfermaw bil-miktub li l-Kunsill se jiffinanzja l-*overtime* tal-ħaddiema li jsir nhar ta' Sibt. Hija qalet ukoll li l-Kunsill irid iħallas il-Gwardjani Lokali li se jkunu jikkontrollaw it-traffiku fejn se jsiru x-xogħlijiet. Il-Kunsill unanimament approva dawn l-ispejjes. Ġiet diskussa wkoll il-possibilta li f'ċerti bankini fejn m'hemmx bżonn manutenzjoni tingħata kisja cement. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tindaga dwar dan. Ġie deċiż ukoll li ma l-istess xogħlijiet jiġi modifikat it-tarf tal-bankina fi Triq Abate Rigord, u fi Triq il-Watar quddiem A5 kif ukoll il-*manhole* ta' ħdejn il-Blk E1.

iii Il-Kunsillier E. Muscat informa l-Kunsill li l-manutenzjoni tar-railings tax-Xatt kif ukoll ix-xogħlijiet infrastrutturali se jsiru mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli ...)

iv Dwar il-*yellow bay* li saret fix-Xatt biex tintuża mis-*sightseeing buses* is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-Direttorat tat-Trasport talab li ssir laqgħa mal-Kunsill.

v Dwar il-każ tal-*pontoons* temporanji il-Kunsillier E. Muscat qal li s-Sur Meli xtaq kopja ta' l-ittra li nkitbet mill-Kunsill dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu ta' dan.

vi Is-Sindku nfurmat li tkellmet mal-Kuntrattur tad-Dawl dwar il-bozoz ta' Triq id-Deffa u Triq A. Craig. Il-Kunsillier E. Muscat ġibed ukoll l-attenzjoni li hemm bżonn ukoll ta' bozza oħra Fuq ir-Rampa kantuniera ma Triq A. Mifsud. Il-Kunsill iddiskuta dan u ġie deċiż li jekk din mhux possibbli ssir fuq bracket napplikaw lill-Enemalta biex issir fuq arblu.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku qrat l-ittra ta' l-ADT dwar talba biex issir *parking bay* għal-*blue badge holders* fi Triq il-Watar jew Triq il-Qoton. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li din issir fi Triq il-Watar fejn diġa' hemm waħda eżistenti.

ii Is-Sindku qrat għall-informazzjoni tal-Kunsill l-ittra mill-MEPA dwar il-vetturi użati biex isir il-ġbir ta' skart (*scammles*). Il-Kunsill talab li jingħata kjarifika dwar il-kliem "*street cleaning*" li jinsab fit-tielet paragrafu tal-korrispondenza.

iii Kumitat Konġunt tal-LES is-Sindku rrappurtat li dan qiegħed fi stadju li jiġi xolt minħabba t-twaqqif ta' sistema ġdida fi ħdan ir-Reġjun Ċentrali. Hija nfurmat li nżammet riserva ta' tliet xhur pagamenti u l-flus dovuti lill-Kunsilli rispettivi se jitqassmu.

Antoinette Vassallo — Sindku

Marisa Pisani — Segretarju Eżekuttiv

III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli ...)

iv Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*environment impact statement* dwar il-proġett ta' l-*istorm water tunnels* huwa lest u kopja tiegħu qiegħda l-Kunsill għad-dispożizzjoni tal-Kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kummenti dwar dan għandhom jaslu l-MEPA sa nhar l-14 ta' Diċembru 2009.

v Il-Kunsill iddiskuta l-ħarġa tal-magazine tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li minħabba xogħol ieħor ma kienx possibli li dan isir. Hija talbet li l-Kunsilliera jirrevedu l-artiklu li għamlu ħalli fil-jiem li ġejjien tlaqqa' l-Bord Editorjali. Il-Kunsill approva li x-xogħol tal-*pre press* jerġa' jsir mill-*Jigsaw*.

vi Is-Sindku ppreżentat id-dokumenti bir-responsabbiltajiet ġodda tal-Kunsilliera. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppropona li dan jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Huwa ġie ssekondat mill-Kunsillier E. Muscat. Is-Sindku qalet li hija m'għandha l-ebda oġġezzjoni dwar dan pero' hija tablet li jiġu approvati s-Sotto-Kumitati tal-Finanzi u Aġġudikazzjoni u Relazzjonijiet Pubbliċi li hija ċ-*Chairperson* tagħhom. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ttieħed vot.

Is-Sindku ppproponiet li jiġi approvat is-Sotto Kumitat tal-Finanzi u Aġġudikazzjoni. Il-Viċl Sindku ssekonda. Il-votazzjoni kienet 3 favur u 2 kontra.

Is-Sindku ppproponiet li jiġi approvat is-Sotto Kumitat għar-Relazzjonijiet Pubbliċi. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Il-votazzjoni kienet 4 favur u 1 kontra.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Kunsilliera ressqu diversi lmenti u suġġerimenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota tagħhom biex tittieħed azzjoni neċessarja.

## V RAPPORT MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm bżonn li tinxtara xi għodda biex jinqata' l-injam. Il-Kunsill approva dan.

## VI APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti kif ukoll il-*petty cash*.

**Il-Laqgħa spiċċat fis-7.30pm. u sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 2 ta' Diċembru 2009 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv